# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 9**

**Avviz numru 990/01/SM**

**Fenici Insurance Agency Limited bhala agenti ta' Lloyds ghan-nom tas-sindakati bin-numri indiakti f'Dok. A kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Vicmar Limited (Dok. B).**

**vs**

**Paul Stoner u F. Zammit Nurseries Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma li tigi likwidata fl-ammont ta' elfejn erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltija (LM2,443.00,0) jew somma verjuri, dovuta lill-kumpanija attrici nomine ghas-somma minnha sborsata taht il-polza bin-numru 201395521298 (Dok C)**

**u dawn rapprezentanti danni kkagunati lill-proprjeta' assikurata ta' Vicmar Limited li tinsab numru 40, Triq il-Palm, Santa Maria Estate, Mellieha, meta l-konvenuti, jew min minnhom, dahal fil-proprjeta' msemmija u qaccat ghaxar sigar miz-zokk principali taghhom minghajr il-permess tal-kumpanija Vicmar Limited, kif spjegat u dettaljat fir-rapport ta' D.G. Curmi & Associates (Dok. D);**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju 2000 (Dok. E) u bl-imghax legali kontra l-konvenuti, jew minn minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta F. Zammit Nurseries Limited twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment l-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fis-17 ta' Jannar tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta F. Zammit Nurseries Limited.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**